# 55 sena ta' sigurtà

MATUL ix-xahar ta' Mejju qegħdin infakkru l-55 sena mit-twelid tal-liġijiet tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għalkemm kienu ddaħħlu fil-pajjiż forom oħra ta' protezzjoni soċjali minn ferm qabel, kien proprju l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali tas-7 ta' Mejju, 1956, li welled f'pajjiżna l-iskema tas-sigurtà soċjali kif nafuha llum u allura saħħaħ il-kunċett tal-istat soċjali f'pajjizna.

Għal din l-okkażjoni ħsibt li nagħti ħarsa lejn il-kisbiet ewlenin f'din il-mixja twila li pajjiżna għadda minna taħt gvernijiet suċċessivi.

## Is-sigurtà soċjali (1956-1987)

Il-bidu tas-snin 50 kienu raw it-twelid ta' skema mhux regolata ta' assistenza finanzjarja, li kienet magħrufa bħala r-relief, skema li kienet tiggarantixxi għajnuna finanzjarja lil familji fil-bżonn li l-kap tagħhom ikun bla xogħol.

Dan l-iżvilupp kien il-preludju għall-Att dwar l-Assistenza Nazzjonali li ddaħħal fis-seħħ fl-1956. Dan l-Att kien ipprovda għall-ogħti ta' assistenza soċjali u medika – din tal-aħħar kemm fi flus u kemm 'in natura' (in kind). Għal din l-għajnuna kienu jikkwalifikaw il-kapijiet ta' familja li kienu jkunu bla xogħol u li jew kienu jkunu qed ifittxu x-xogħol jew ma jistgħux jaħdmu minħabba xi kundizzjoni fiżika jew medika, sakemm il-mezzi tagħhom ma kienux jaqbżu ċertu livell.

Proprju fl-istess żmien, iddaħħal fis-seħħ l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali. Dan l-Att ferm aktar wiesa' kien stabbilixxa skema komprensiva ta' assigurazzjoni soċjali ffinanzjata permezz ta' kontribuzzjonijiet imħallsa mill-ħaddiem, min iħaddmu u l-Istat. Dan l-Att kien ikopri firxa wiesa' ta' benefiċċji, għajnuniet u pensjonijiet.

Din l-iskema kienet obbligatorja fis-sens li kull min kien jaħdem u min iħaddmu, riedu jikkontribwixxu persentaġġ mill-paga mħallsa flimkien ma' sehem l-Istat. L-iskema kienet tkopri diversi kontinġenzi soċjali u kategoriji ta' nies bħal mard, korriment jew mard fuq il-post tax-xogħol, qgħad, romol, orfni, u anzjani. Biex wieħed jikkwalifika għal dawn il-benefiċċji, ried jissodisfa test tal-kontribuzzjonijiet imħallsa. Bl-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali kien ġie abolit l-Att dwar il-Kumpens għall-Ħaddiema, li kont tkellimt dwaru ġimgħatejn ilu. Dan minħabba li d-dispożizzjonijiet tiegħu kienu koperti kompletament fl-Att il-ġdid.

Nistgħu ngħidu li l-iżvluppi fis-sigurtà soċjali f'pajjiżna issa bdew mexjin b'ritmu mgħaġġel. Sena biss wara, fl-1957, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Pensjoni tal-Età kienu estiżi għal persuni nieqsa mid-dawl biex b'hekk kienet introdotta l-Pensjoni għall-Għomja liema pensjoni kienet non-kontributorja u bbażata fuq test tal-mezzi identiku għal dak tal-Pensjoni tal-Età.

Fl-1965, fl-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali kienu inklużi wkoll il-persuni li jaħdmu għal rashom jew li ma kinux impjegati ma' xi ħadd. Dan wassal biex dan l-Att issa beda jkopri tista' tgħid lill-popolazzjoni kollha Maltija u Għawdxija. Fl-istess sena kienet introdotta wkoll il-Pensjoni kontributorja għall-Invalidità.

## L-iżviluppi ewlenin tas-sigurtà soċjali f'Malta 1956-2011

1956 – L-Att dwar l-Assistenza Nazzjonali – introdotta l-għajnuna soċjali u medika

1956 – L-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali – introdotti firxa wiesa' ta' benefiċċji, għajnuniet u pensjonijiet kontributorji

1957 – L-Att dwar il-Pensjoni tal-Età estiż għal persuni nieqsa mid-dawl ta' 'l fuq minn 40 sena (fl-1962 imniżżla għal 14-il sena)

1965 - L-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali estiż għal persuni li jaħdmu għal rashom u introdotta l-Pensjoni għall-Invalidità

1972 – Introdott Bonus Annwali għall-pensjonanti u dawk li jieħdu l-għajnuna soċjali

1974 – Introdotta l-Allowance tat-Tfal

1974 – Introdotta l-Pensjoni għal Persuni b'diżabilità

1979 – Introdotta l-Pensjoni taż-Żewġ Terzi u l-Pensjoni Minima Nazzjonali

1979 – Ir-rata tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali ikkalkulata skont id-dħul jew salarju

1981 – Introdott il-Benefiċċju għall-maternità

1986 – L-Assistenza Soċjali estiża għal min jieħu ħsieb qarib ma jiflaħx

1987 – Id-dispożizzjonijiet legali kollha tas-sigurtà soċjali miġbura f'liġi waħda

1988 – Introdotta l-Allowance tat-Tfal b'diżabilità

1988 – Introdotta l-Allowance ta' Ġenitur (tneħħiet fl-1996)

1989 – Introdott il-Bonus tal-Familja (tneħħa fl-1996)

1991 – Il-Pensjoni għal Romol estiża għal romol irgiel

1991 – Introdotta l-Allowance Supplimentari għal Orfni

1992 – Introdotta l-Pensjoni għal Wens

1996 – Il-pensjoni taż-żewġ terzi estiża għal min qatt ma ħadem wara Jannar 1979

1996 – Riforma fl-Allowance tat-Tfal li bidet titħallas skont il-mezzi

1997 – Żidiet għal min għandu pensjoni tas-servizz

1998 – Tneħħija ta' diskriminazzjoni bejn nisa u rġiel fil-pensjoni tar-romol u l-benefiċċju għal mard

1999 – Tiżdied ir-rata tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali minn 8.3% għal 9.1%

2000 - Tiżdied ir-rata tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali minn 9.1% għal 10%

2001 – Introdotta l-Allowance għal 'fostering'

2007 – Riforma fil-pensjonijiet

2007 – Aktar żidiet għal min għandu pensjoni tas-servizz

2007 – Romol li jerġgħu jiżżewġu jibqgħu jirċievu l-pensjoni bir-rata tal-pensjoni minima nazzjonali sa ħames snin wara ż-żwieġ.

2008 – Pensjonanti tal-irtirar jistgħu jaħdmu irrispettivament mid-dħul mill-impjieg

2008 - Aktar żidiet għal min għandu pensjoni tas-servizz

2008 – Rata bażika ta' Allowance tat-tfal imħallsa lit-tfal kollha irrispettivament mid-dħul

2011 – Aktar żidiet għal min għandu pensjoni tas-servizz



Fl-1972 il-Gvern daħħal għall-ewwel darba l-ħlas ta' bonus annwali lill-pensjonanti kollha tas-sigurtà soċjali u lil dawk li jirċievu l-għajnuna soċjali.

Fl-1974, kienet introdotta għall-ewwel darba l-iskema tal-Allowance tat-Tfal. Għalkemm din l-iskema kienet inkluża fl-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali, fir-realtà l-ħlas ta' dan il-benefiċċju ma kienx jiddependi fuq il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet.

Fl-istess sena, iddaħħlet ukoll għall-ewwel darba l-Pensjoni għal Persuni b'Diżabilità. Din il-pensjoni kienet non-kontributorja u kienet estiża ftit taż-żmien wara biex tkopri persuni li kienu jsofru minn diżabilità mentali severa jew paralażi ċerebrali. Dawn id-dispożizzjonijiet kienu estiżi mill-ġdid fl-1975 biex ikunu inklużi persuni b'diżabilità fiżika severa.

Bla dubju ta' xejn, l-1979 rat wieħed mill-aktar żviluppi importanti fl-istorja tas-sigurtà soċjali f'pajjiżna. F'Jannar ta' dik is-sena iddaħlet fis-seħħ skema ġdida ta' pensjonijiet kontributorji li rrivoluzzjonat il-mod kif titħallas il-pensjoni kontributorja tal-irtirar u tar-romol. Fil-fatt, sa qabel l-1979 il-pensjonijiet kontributorji tal-irtirar u tar-romol kienu bbażati primarjament fuq kemm il-persuna tkun ħallset kontribuzzjonijiet u skont dan imbagħad titħallas rata li tvarja biss skont il-persuna hijiex miżżewġa jew tgħix waħedha u skont il-medja ta' kontribuzzjonijiet imħallsa.

Iżda dan inbidel fl-1979 meta għall-ewwel darba kienet introdotta din l-iskema li l-pensjoni mħallsa taħtha ma kinitx tiddependi biss fuq kemm tħallsu kontribuzzjonijiet iżda wkoll fuq is-salarju jew paga li l-persuna kellha qabel l-irtirar. Pari passu ma' dan kien introdott l-istess prinċipju fil-każ tal-pensjoni tar-romol (dak iż-żmien għan-nisa biss) bid-differenza li dan kien

*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika mhijiex intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.socialsecurity.gov.mt, tibgħat imejl fuq social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella ċċempel fuq in-numru 159 jew 25903000.*

# soċjali



japplika skont il-kontribuzzjonijiet imħallsa u s-salarji tar-raġel li jkun għadu kif miet. Naturalment dawn il-pensjonijiet kienu inklużi fl-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali.

Fl-1981, kien introdott għall-ewwel darba l-Benefiċċju għall-Maternità. Dan il-benefiċċju kien pagabbli lin-nisa kollha li jilħqu t-tmien xahar tat-tqala, kemm-il darba dawn ma jkollhomx dritt għall-leave tal-maternità (taħt il-liġi tax-xogħol) għax ikunu qed jaħdmu.

Fl-1986, kien introdott għall-ewwel darba l-kunċett ta' kumpens għal min jieħu ħsieb xi ħadd li għandu bżonn il-kura. F'Jannar ta' dik is-sena, id-dispożizzjonijiet tal-Assistenza Soċjali kienu estiżi għal xebbiet jew romol li jkunu qed jieħdu ħsieb b'mod regolari lil xi qarib anzjan jew b'diżabilità, kemm-il darba dawn jissodisfaw test tal-mezzi u d-dħul finanzjarju tagħhom. Bħala parentesi, inżid ngħid li dawn id-dispożizzjonijiet kienu estiżi għal ġuvintur jew romol irġiel fl-2007.

Fl-1987 daħal fis-seħħ l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap.318 tal-Liġijiet ta' Malta) li ġabar f'liġi waħda l-Att dwar il-Pensjoni tal-Età, l-Att dwar l-Assistenza Soċjali u l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali.

## Is-sigurtà soċjali (1988-2011)

Fl-1988 kienu daħlu fis-seħħ żewġ benefiċċji ġodda – l-Allowance tat-Tfal b'diżabilità u l-Allowance ta' Ġenitur. Kundizzjoni komuni f'dawn iż-żewġ benefiċċji kienet li biex xi ħadd ikun intitolat għalihom ried ikun jikkwalifika għall-Allowance tat-Tfal. Madankollu, waqt li fil-każ tal-Allowance tat-Tfal b'diżabilità, din kienet titħallas jekk naturalment it-tifel jew it-tifla tkun ċertifikata li tbati minn diżabilità, fil-każ tal-Allowance ta' Ġenitur din kienet titħallas skont test tal-mezzi.

Fl-1989 kien introdott ukoll benefiċċju ieħor li kien f'forma ta' Bonus għal Familja li kien jitħallas lil min kien jirċievi l-Allowance tat-Tfal. Dan il-benefiċċju kien intiż biex ikompli jwieżen lill-familji bit-tfal żgħar. Tajjeb li ngħidu li dan il-benefiċċju flimkien mal-Allowance ta' Ġenitur ma baqgħux jitħallsu meta kienet saret ir-riforma tal-Allowance tat-Tfal fl-1996.

Fl-1991, id-dispożizzjonijiet legali tal-Pensjoni għal Romol kienu estiżi għal romol irġiel ukoll. Fl-1991 ukoll kienet introdotta l-Allowance Supplimentari għal Orfni. Dan il-benefiċċju kien estensjoni tal-benefiċċju li kien diġà jeżisti għal orfni taħt is-16-il sena. Bil-benefiċċju l-ġdid bdew jibbenefikaw orfni li jagħlqu s-16 imma mhux il-21 sena.

Sena wara, fl-1992, bdiet titħallas il-Pensjoni għall-Wens lil persuni mhux miżżewġa li jkunu qed jieħdu ħsieb lil xi ħadd mill-ġenituri tagħhom li jkun rikoverat permenentament f'sodda jew f'siġġu tar-roti. Din il-pensjoni bdiet titħallas skont test tal-mezzi tal-persuna kuranti.

Fl-1996 kienet saret riforma fil-mod kif titħallas l-Allowance tat-Tfal. Filwaqt li mill-introduzzjoni tagħha fl-1974 din l-Allowance kienet titħallas, fil-bidu għall-ewwel tlett itfal u eventwalment lit-tfal kollha f'kull familja irrispettivament mid-dħul, fl-1996 l-Allowance tat-Tfal bidet titħallas skont test tal-mezzi tal-membri tal-familja.

Fl-1996 ukoll, kienet ġiet introdotta l-Allowance Supplimentari li kienet titħallas lil min ma jitħallasx l-Allowance tat-Tfal u li d-dħul tiegħu ma kienx jeċċedi ċertu livell.

Fl-1997 iddaħħlu miżuri importanti fil-mod kif tiġi kkalkolata l-pensjoni tas-servizz għall-fini tal-pensjoni taż-żewġ terzi u li bihom ibbenefikaw ħafna pensjonanti tas-servizzi Ingliżi u anke pensjonanti tat-teżor (romol). B'din il-miżura, l-ammont tal-pensjoni tas-servizz li beda jkun ikkunsidrat fil-kalkolu tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali kien dak li tħallas l-ewwel darba li ħarġet il-pensjoni tas-servizz u mhux dak li l-pensjonant ikun qed jirċievi fil-mument.

Barra minn hekk, jekk l-ammont oriġinali ta' pensjoni tas-servizz kien inqas minn €466 (Lm200), il-pensjoni tas-sigurtà soċjali tinħadem bħallikieku l-pensjonant m'għandu l-ebda pensjoni tas-servizz. L-istess beda jsir għal min kien ikkommuta (biegħ) il-pensjoni tas-servizz kollha biex jieħu somma ta' flus.

Bejn l-1996 u l-1998, il-pensjoni taż-żewġ terzi kienet estiża wkoll gradwalment għal pensjonanti tal-irtirar li rtiraw qabel l-1979. Fl-istess waqt din l-estensjoni iddaħlet fis-seħħ għal romol li żwieġhom kienu mietu qabel l-1979.

Fl-1998 tneħħew id-differenzi kollha li kien hemm bejn ir-romol nisa u dawk irġiel fil-kundizzjonijiet li bihom titħallas il-pensjoni tar-romol. Fil-fatt qabel dik id-data, armel kien intitolat għall-pensjoni tar-romol biss jekk ma kienx jaħdem u jekk kien jiddependi fuq id-dħul (paga/salarju) tal-mara għall-għajxien tiegħu. Dan ma kienx il-każ għal armla li setgħet taħdem anke jekk tirċievi il-pensjoni tar-romol fl-istess żmien.

Forma oħra ta' diskriminazzjoni li tneħħiet fl-1998 kienet dwar il-kundizzjonijiet tad-dritt għall-Benefiċċju għal Mard.

Fl-1998 'il quddiem saret ukoll bidla amministrattiva importanti meta r-responsabbiltajiet tal-ġbir u l-infurzar tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għaddew f'idejn il-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Fl-1999 u l-2000, ir-rata tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali żdiedet minn 8.33% (1/12) għal 9.1% (1/11) u għal 10% (1/10) rispettivament tal-paga jew salarju bażiku tal-impjegat. Il-parti li jħallas min iħaddem baqgħet ta' 10% (1/10) kif kienet biex b'hekk il-kontribuzzjoni mħallsa mill-impjegat ġiet daqs dik ta' min iħaddmu u daqs il-kontribuzzjoni li joħroġ l-Istat.

Sar tibdil ukoll fil-kategoriji tal-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-persuni li jaħdmu għal rashom, liema tibdil kien ibbażat fuq il-prinċipju li r-rata ta' kontribuzzjoni tkun ta' 15% tad-dħul nett tagħhom waqt li l-Istat joħroġ 7.5% oħra.

Kien hemm diversi miżuri oħra li ddaħħlu bejn l-2001 u l-2008. Fost dawn kien hemm il-benefiċċju għal tfal 'fostered' taħt is-16-il sena li daħal fis-seħħ fl-2001

Barra minn hekk, tneħħa wkoll it-test tal-mezzi fir-rigward tal-Allowance għal Tfal b'Diżabilità biex b'hekk dan il-benefiċċju beda jitħallas lit-tfal kollha b'diżabilità, irrispettivament mid-dħul tal-familja.

Iddaħħlu wkoll miżuri favur ir-romol. Armla jew armel li jerġgħu jiżżewġu kienet tiqfilhom il-pensjoni tar-romol u minflok jieħdu somma żgħira ta' flus ekwivalenti għal sena pensjoni bir-rata tal-pensjoni tar-romol minima nazzjonali. Mill-2007 ingħatalhom id-dritt li jibqgħu jirċievu l-pensjoni għal ħames snin minn meta jerġgħu jiżżewġu bir-rata tal-pensjoni tar-romol minima nazzjonali.

Miżura oħra favur ir-romol kienet għal dawk li jaħdmu, jaqilgħu aktar mill-Paga Minima Nazzjonali u li l-iżgħar mit-tfal jagħlqu is-16-il sena. Il-kundizzjonijiet ta' dawn ir-romol kienu estiżi sakemm it-tfal jagħlqu l-21 sena.

Dan jorbot ma' miżuri oħrajn li ddaħħlu biex jinċentivaw ix-xogħol. Pensjonanti tal-irtirar sal-2007 setgħu jaħdmu u jieħdu l-pensjoni tas-sigurtà soċjali sakemm mix-xogħol ma jaqilgħux aktar mill-Paga Minima Nazzjonali. Dan inbidel fl-2008 biex illum pensjonant jista' jieħu l-pensjoni u jaħdem u jaqla' aktar mill-Paga Minima Nazzjonali. Fl-istess waqt il-pensjonant li jkun qed jaħdem irid iħallas il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali sal-eta ta' 65 sena.

Ftit jew wisq fl-istess żmien, iddaħħlet miżura wkoll għal ġenituri waħedhom u li jkunu qed irabbu t-tfal u jieħdu l-għajnuna soċjali. Dawn bdew jingħataw l-opportunità li jagħmlu xi xogħol mingħajr ma jkollhom tnaqqis fl-għajnuna soċjali, sakemm id-dħul tagħhom ma kienx jaqbeż l-iskala stabbilità dakinhar. Jekk id-dħul mix-xogħol jaqbeż din l-iskala, mill-għajnuna soċjali titnaqqas id-differenza bejn l-iskala stabbilita u d-dħul mix-xogħol.

Fl-2007 kien iddaħħal il-Benefiċċju għall-Enerġija f'forma ta' skont imħallas permezz ta' vawċer mill-kont tad-dawl u l-ilma. Fl-istess sena, saret riforma fil-mod kif issir l-evalwazzjoni medika għall-Pensjoni għall-Invalidità. Fl-2007 ukoll l-Għajnuna Soċjali għal xebbiet jew romol li jkunu qed jieħdu ħsieb b'mod regolari lil xi qarib anzjan jew b'diżabilità, kienet estiża wkoll għal ġuvintur jew romol irġiel.

Iżda bla dubju ta' xejn, l-aktar żvilupp importanti mill-introduzzjoni tal-pensjoni taż-żewġ terzi 'l hawn kienet ir-riforma tal-pensjonijiet. Din ir-riforma tħabbret fl-2006 u daħlet fis-seħħ fl-2007 wara snin ta' studji, rapporti u konsultazzjonijiet ma' kulħadd. It-tibdil li daħal fis-seħħ huwa sostanzjali u jolqot l-aktar lil dawk li twieldu mill-1962 'l hawn. Jolqot ukoll, għalkemm mhux daqstant, lil dawk li twieldu bejn l-1952 u l-1961.

Fl-2007 u l-2008 komplew jissaħħu l-miżuri favur dawk li għandhom pensjoni tas-servizz



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

meta, mill-ammont ta' pensjoni tas-servizz li huwa kkunsidrat fil-kalkolu tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali, bdew jitnaqqsu €466 (Lm200) fl-2007 u €200 oħra fl-2008. Dawn il-miżuri wkoll wasslu biex tiżdied il-pensjoni tas-sigurtà soċjali ta' ħafna pensjonanti tas-servizz.

Fl-2008, kien sar ukoll tibdil fl-għoti tal-Allowance tat-Tfal. Kien żdied il-persentaġġ imħallas f'każ ta' familja b'żewġ itfal jew aktar biex b'hekk beda jingħata l-istess persentaġġ għat-tfal kollha. Fl-istess waqt bdiet titħallas rata fissa bażika lil kull tifel u tifla irrispettivament mid-dħul tal-familja.

Fl-2011 il-pensjonanti tas-servizz reġgħu bbenfikaw minn miżura oħra li rat l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li huwa kkunsidrat fil-kalkolu tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali jitnaqqas b'€200 oħra u b'hekk tiżdied il-pensjoni tas-sigurtà soċjali ta' ħafna pensjonanti tas-servizz.

Naturalment matul dawn il-55 sena ta' miżuri soċjali, gvernijiet suċċessivi daħħlu miżuri oħra ta' sostenn għall-familji Maltin u Għawdxin. Dawn li semmejt iżda huma forsi l-aktar importanti fl-istorja tas-sigurtà soċjali f'pajjiżna.

## Attivitajiet biex ifakkru l-55 sena

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali se jkun qed ifakkar dan l-avveniment importanti f'pajjiżna b'diversi attivitajiet varji. Uħud minn dawn l-attivitajiet se jkunu miftuħa għall-pubbliku u oħrajn se jkunu interni għall-ħaddiema tad-Dipartiment. Dawn l-attivitajiet, bit-tema "Imsaħħa mill-imgħoddi, b'ħarsitna lejn il-ġejjieni", se jkunu mifruxin fuq kważi tliet ġimgħat, jibdew nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Mejju, 2011, u jintemmu l-Erbgħa 25 ta' Mejju.